*- SEPARAZZJONI-*

*- ARTIKOLI 40 U 41 TAL-KAP 16 -*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis it-30 ta' Mejju 2002**

**Kawza Numru: 46**
**Citazzjoni Numru: 2271/00/RCP**

**Vanessa Tumino.**

**vs**

**Dottor Anthony Cutajar u l-PL Veronica Rossignaud bhala kuraturi deputati appuntati permezz ta' Digriet tal-20 ta' Lulju 2000 sabiex jirraprezentaw l-interessi tal-assenti Salvatore Tumino.**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fir-Registru Pubbliku fil-21 ta' April 1999 meta l-attrici kellha tnejn u ghoxrin (22) sena u l-konvenut kellu wiehed u ghoxrin sena (21) (Dok. "A").

Illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti ma ghadhiex aktar possibbli minhabba l-fatt li l-konvenut, li huwa cittadin Taljan, telaq minn Malta erba' (4) xhur wara iz-zwieg u qatt ma reggha irritorna lura Malta, u dan minkejja li kien wieghed lill-attrici, qabel ma zzewgu, li huwa kien ser jibqa' jghix Malta.

Illi l-attrici irnexxielha tikkuntattja lill-konvenut recentement u dana qal li ma kienx dispost jigi lura Malta.

Illi l-kontendenti ma kellhomx tfal minn dan iz-zwieg.

Illi l-attrici giet debitament awtorizzata illi tipprezenta din l-istanza permezz ta' digriet f'dan is-sens moghti mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta' Awissu 2000 (Dok. "B").

Illi ghalhekk l-istess attrici talbet li l-konvenuti jghid ghaliex ghar-ragunijiet premessi din il-Qorti m'ghandiex:-

(1) Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personli bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenut u ghall-

finijiet tal-**artikolu 48 (c) tal-Kodici Civili (Kap 16)** tistabbilixxi d-data meta telaq minn Malta bhala d-data minn meta l-istess konvenut ghandu jkun konsidrat li minnha kien hati tal-firda.

(2) Tawtorizza lill-attrici illi tghix separata mill-konevnut zewgha.

(3) Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici martu, dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata illi tigi ffisata mill-istess Qorti, skond il-mezzi tal-konvenut u l-bzonnijiet ta' l-attrici, pagabbli mill-konvenut lill-istess attrici martu fil-gimgha jew fix-xahar kif ordnat minn din il-Qorti jew jekk jidher xieraq lill-istess Qorti, tordna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici, minflok dak il-manteniment kollu jew parti minnu, somma globali li fil-fehma tal-Qorti tkun bizzejjed sabiex l-attrici tkun finanzjarjment indipendenti jew anqas dipendenti mill-konvenut.

(4) Tapplika kontra l-konvenut interament jew in parte id-disposizzjonijiet ta' l-**artikolu 48 tal-Kodici Civili (Kap 16).**

(5) Tiddikjara xolta l-kommunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni u tordna li l-istess oggetti formanti l-kommunjoni ta' l-akkwisti jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabbilit minn dina l-Qorti in vista, *inter alia,* tad-dati tal-akkwist tad-diversi oggetti formanti l-istess kommunjoni u tad-data stabbilita minn din il-Qorti bhala d-data meta l-

istess konvenut ghandu jkun kunsidrat li minnha kien hati tal-firda, liema porzjonijiet illi jigu assenjati wahda lill-attrici u l-ohra lill-istess konvenut billi, okkorrendo ghall-finijiet ta' din it-talba, jigi nominat perit biex jaghmel il-likwidazzjoni mitluba u jipproponi pjan ta' divizjoni, nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jipprezenta lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att.

(6) Tikkundanna lill-konvenut jikkonsenja lill-attrici l-beni kollha dotali u parafernali taghha, li jista' jkollu u separatament tordna illi l-attrici tigi moghtija l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha.

(7) Tawtorizza lill-attrici illi tirregistra ossija tnizzel fir-Registru Pubbliku is-sentenza eventwalment moghtija minn dina l-Qorti.

Bl-ispejjez, komprizi dawk inkorsi fil-proceduri quddiem is-Sekond'Awla ta' din il-Qorti, kontra l-konvenut illi hu ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 4 sa 7 tal-process;

Rat l-affidavit ta' Rosemarie Falzon datat 2 ta' Novembru 2000 a fol. 9 sa fol. 13 tal-process.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Dr Anthony Cutajar u l-PL Veronica Rossignaud li b'digriet tal-20 ta' Lulju 2000 gew mahtura bhala kuraturi deputati halli jirrapprezentaw lill-assenti Salvatore Tumino, fejn gie eccepti:

1. Illi l-eccipjenti mhumiex edotti mill-fatti tal-kawza.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti kuraturi deputati u l-lista tax-xhieda a fol 20 tal-process.

Rat il-verbal tal-14 ta' Gunju 2001 fejn giet nominata l-Assistenta Gudizzjarja Dr. Audrey Demicoli biex tigbor il-provi.

Rat is-seduti tal-1 ta' Ottubru 2001 u tal-14 ta' Novembru 2001 quddiem l-Assistent Gudizzjarju, fejn Dr. Anthony Cutajar spejga li kien kiteb lill-konvenut li ma tah ebda risposta u ta' dan kellu l-prova, u fejn l-attrici ddikjarat li ma ghandhomx provi izjed, u d-difensuri tal-partijiet awtorizzaw lill-Assistent Gudizzjarju sabiex tirritorna l-process lill-Qorti.

Rat il-verbali tal-20 ta' Novembru 2001, 4 ta' Frar 2002, u 10 ta' April 2002 fejn il-kawza giet ghall-ewwel darba quddiem din il-Qorti kif presjeduta, fejn il-partijiet qablu li l-kawza tibqa' ghas-sentenza, u l-kawza giet hekk differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Mejju 2002.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din hija kawza fejn l-attrici qed titlob is-separazzjoni minn zewgha stante li qed tallega li l-kontendenti zzewgu fir-Registru Pubbliku fil-21 ta' April 1999 meta l-attrici kellha tnejn u ghoxrin (22) sena u l-konvenut kellu wiehed u ghoxrin sena (21) (Dok. "A") u l-hajja konjugali bejn il-kontendenti ma ghadhiex aktar possibbli minhabba l-fatt li l-konvenut, li huwa cittadin Taljan, telaq minn Malta erba' (4) xhur wara iz-zwieg u qatt ma reggha irritorna lura Malta, u dan minkejja li kien wieghed lill-attrici, qabel ma zzewgu, li huwa kien ser jibqa' jghix Malta, u li ghalkemm irnexxielha tikkuntattja lill-konvenut recentement u dan qalilha li ma kienx dispost jigi lura Malta, u peress li l-kontendenti ma kellhomx tfal minn dan iz-zwieg, l-attrici wara li giet debitament awtorizzata illi tipprezenta din l-istanza permezz ta' digriet f'dan is-sens moghti mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta' Awissu 2000 (Dok. "B"), ghamlet din il-kawza.

Illi in verita' eccezzjonijiet ghat-talbiet attrici ma hemmx u ghalkemm il-kuratur deputat Dr. Anthony Cutajar kiteb lill-konvenut fi Sqallija fejn joqghod permezz ta' ittra datata 3 ta' Ottubru 2001(Dok. "AC" – fol. 30) u informah bl-istess kawza u l-konsegwenzi tal-istess, l-konvenut ma rrispondih

xejn, jidher li qabel kienet inkitbet ittra ohra datata 14 ta' Awissu 2001.

Illi l-attrici fid-dikjarazzjoni taghha sostniet li l-konvenut kien informaha wara ftit li zzewgu li kien ried immur joqghod pajjizu, nonostante li kien wieghda qabel iz-zwieg li kien ser jghix Malta, u fil-fatt f'Awissu 1999 l-konvenut siefer biex jghix Ragusa, Sqallija; gie biss f'Ottubru u Novembru 1999 u minn dak in-nhar ma giex iktar Malta; meta l-attrici mexxiet bil-kaz fis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili, l-konvenut informaha li ma kienx gej izjed Malta.

Illi b'affidavit taghha tat-2 ta' Novembru 2000, Rosemarie Falzon, habiba ta' l-attrici sostniet li l-attrici bdiet tohrog mal-konvenut fis-16 ta' Gunju 1998, meta dan kien jghix Malta, u kien jimxi tajjeb hafna maghha u wara xahrejn qalilha biex tmur mieghu Sqallija halli jlaqqaha mal-familja tieghu u hekk sar. Gew Malta u tlett xhur wara l-istess btala izzewgu Malta civilment, u fil-21 ta' April 1999 izzewgu, u bdew hajja normali u ffissaw id-data tat-tieg fi Sqallija ghat-13 ta' Settembru 1999. Pero' f'Gunju 1999, marru Sqallija u fuq insistenza ta' omm il-konvenut, ppreparaw biex jizzewgu bil-knisja fi Sqallija. F'Lulju il-genituri tal-konvenut gew Malta, wara li omm il-konvenut kienet iccempilu Malta diversi drabi. Huwa mar Sqallija f'Awissu suppost biex iggib l-inviti u tifkiriet tat-tieq, gie lura, cemplitlu ommu, u gurnata minnhom, waqt li l-attrici kienet qed tixtri, ma sabitux id-dar u wara saret taf li mar lura Sqallija.

Illi sussegwentement ghal dan omm il-konvenut cemplet lill-attrici u qaltilha li jekk riedet tizzewweg Sqallija bil-knisja kellha taccetta li toqghod hemm, u dan l-attrici ma setghetx taccettah ghaliex hija kienet gja ftehmet mal-konvenut li kellhom jghixu Malta. Il-konvenut cempel lill-attrici xi drabi minn dak iz-zmien u minn dawn saret taf li omm il-konvenut kienet insistiet li ghandhom jghixu Sqallija, u l-konvenut jidher li ma ghamel l-ebda opposizzjoni ghal dan u ghalhekk baqghu hekk mifrudin u ma hemm ebda rimedju ghall-istess zwieg, tant li intalab anke l-annulament tal-istess f'kawza separata.

Illi minn dak kollu jirrizulta li l-konvenut minghajr ebda raguni valida abbanduna d-dar konjugali li l-kontendenti kienu stabbilew Malta miz-zwieg taghhom fil-21 ta' April 1999, tant li wara erba' (4) xhur mill-istess, u cjoe' f'Awissu 1999 huwa telaq lura Sqallija, bla ma biss informa lill-attrici, li saret biss taf b'dan wara li huwa cemplilha minn hemm biex jghidilha, li jekk hija riedet hajja mizzewga, u tizzewweg bil-Knisja fi Sqallija, hija kellha tmur tghix hemmhekk; haga li l-attrici ma rieditx taghmel kemm ghaliex kienu stabbilew ruhhom Malta, fejn hija dejjem ghexet, fejn il-iltaqghet u ghexet mal-konvenut ghaz-zmien kollu li kienet tafu, u kemm ghaliex kienu ftehmu qabel ma zzewgu li kienu ser jghixu Malta.

Illi pero' dan ghall-konvenut ma kien ifisser xejn, u jidher li ceda ghax-xewqat ta' ommu, li kienet tinsisti mieghu fuq dan, bir-rizultat li abbandunna lill-attrici u mar jghix jerga'

Sqallija, presumibilment ma ommu; dan juri nuqqas kbir ta' maturita' tal-konvenut, u wkoll nuqqas ta' rispett kbir lejn l-attrici, li huwa kien ghadu kemm jizzewweg, u fil-fatt ghazel li jiehu l-parir ta' ommu u dan meta ommu kienet Sqallija, ahseb u ara x'kien jaghmel kieku kien qed jghix fi Sqallija. Jidher li l-indhil ta' omm il-konvenut wassal ghal dan it-tkissir taz-zwieg, u jidher li dan l-indhil tal-genituri ta' wiehed mill-partijiet fil-hajja mizzewga ta' uliedhom ma huwiex wiehed limitat ghall-Malta, izda japplika wkoll ghall pajjizi ohra. Pero' l-konvenut irid jinzamm responsabbli wkoll tal-agir tieghu u fil-fatt l-agir tieghu kien il-fattur ghaliex dan iz-zwieg tkisser irremedjabilment, u dan kawza ta' l-eccessi prattikati minnu fil-konfront taghha b'dan l-abbandun totali tieghu mill-istess dar kif provdut **fl-artikolu 40,** u dan apparti l-**artikolu 41 tal-Kap 16,** stante li f'dan il-mument l-abbandun ilu iktar minn sentejn, ghaliex il-konvenut telaq minn Malta f'Awissu 1999.

Illi ghalhekk jidher li t-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha, hlief ghat-tielet (3) talba stante li ma ngabet ebda prova dwar il-mezzi finanzjarji u l-introjtu tal-konvenut, u fir-rigward tal-hames (5) talba jinghad li ghalkemm il-komunjoni tal-akkwisti ghandha tigi ddikjarata xolta, ma hemmx x'jinqasam fl-istess komunjoni, peress li ma jidhirx li l-istess kellha xi effetti ta' sostanza, ghalinqas mill-provi, ma jirrizultax li l-attrici pproduciet xi haga dwar dan.

Illi ghalhekk it-talbiet attrici hlief ghal dak premess dwar it-tielet (3) talba ghandhom jigu milquha.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezjonijiet tal-kuraturi deputati 'nkwantu huma inkompatibbli mat-talbiet attrici, **tilqa' t-talbiet attrici** kif premess u fis-sens biss hawn iktar l-isfel indikat u cjoe':-

(1) Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenut abbazi tal-**artikoli 40 u 41 tal-Kap 16** u ghall-finijiet tal-**artikolu 48 (c) tal-Kodici Civili (Kap 16)** tistabbilixxi d-data ta' Awissu 1999 meta l-konvenut telaq minn Malta bhala d-data minn meta l-istess konvenut ghandu jkun konsidrat li minnha kien hati tal-firda.

(2) Tawtorizza lill-attrici illi tghix separata mill-konvenut zewgha.

(4) Tapplika kontra l-konvenut interament id-disposizzjonijiet ta' l-**artikolu 48 tal-Kodici Civili (Kap 16).**

(5) Tiddikjara xolta l-kommunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti.

(6) Tikkundanna lill-konvenut jikkonsenja lill-attrici l-beni kollha dotali u parafernali taghha, li jista' jkollu u

separatament tordna illi l-attrici tigi moghtija l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha.

(7) Tawtorizza lill-attrici illi tirregistra ossija tnizzel fir-Registru Pubbliku is-sentenza eventwalment moghtija minn din il-Qorti.

Illi dwar it-tielet talba attrici din il-Qorti tipprovdi billi, kif premess:-

(3) Tichad it-tielet talba stante li ma ingabet ebda prova dwar il-konsistenza ta' l-introjtu tal-konvenut, jew inkella l-assi finanzjarji tieghu.

Bl-ispejjez, komprizi dawk inkorsi fil-proceduri quddiem is-Sekond'Awla ta' din il-Qorti, kontra l-konvenut, filwaqt li l-kuraturi deputati ghandhom jithallsu skond il-ligi.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**30 ta' Mejju 2002**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**30 ta' Mejju 2002**